L-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA

# **SOMMARJU** TAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2012 TAL-EBA

EUROPEAN BANKING AUTHORITY

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):**

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Photo credits:
L-Awtorità Bankarja Ewropea, paġni 3, 8
Getty Image, paġna 5
iStockphoto.com/Noam Kahalany, paġna 6
iStockphoto.com/mathieukor, paġna 11

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-95086-15-9
doi:10.2853/25889

© L-Awtorità Bankarja Ewropea, 2013
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Stampat fil-Lussemburgu*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

# **SOMMARJU** TAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2012 TAL-EBA

EUROPEAN BANKING AUTHORITY



# Sommarju eżekuttiv

Fi żmien qasir minn mindu twaqqfet fil-bidu tal-2011, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) tat kontribut sinifikanti lejn it-tisħiħ tas-swieq finanzjarji fl-Ewropa u armonizzat ir-regoli bankarji prinċipali. Din twaqqfet fl-isfond ta' deterjorament tal-kriżi tas-sovranità tal-Ewropa u l-inċertezzi tas-suq konsegwenti, kif ukoll ta' tħassib ekonomiku globali kontinwu.

Bħala tali, wieħed mill-passi ewlenin li l-EBA ħadet matul l-2012, kien il-pjan ta' rikapitalizzazzjoni biex jiġi żgurat li l-banek jagħmlu sforzi sinifikanti biex isaħħu l-pożizzjoni tal-kapital tagħhom u biex iħarsu kontra xokkijiet futuri — mingħajr ma jitħarbat is-self fl-ekonomija reali. Dan ta spinta lill-fiduċja fis-suq billi żied it-trasparenza tal-esponiment tar-riskju tal-banek inkluż, għall-ewwel darba, esponiment għad-dejn sovran.

Parti ewlenija oħra biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja kienet tinvolvi li titwettaq l-ewwel ħidma fir-rigward tal-pakketti ta' rkupru u riżoluzzjoni, jew it-"testmenti bijoloġiċi", biex il-banek ikunu jistgħu jfallu mingħajr ħafna problemi f'każ ta' kriżi fil-futur, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju għad-depożitarji assigurati u jiġu evitati riperkussjonijiet fuq is-sistema finanzjarja aktar mifruxa.

Matul is-sena, l-organizzazzjoni kompliet jkollha rwol importanti fit-titjib tal-konsistenza tal-prattiki ta' superviżjoni u saħħet il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza, b'mod partikolari dawk l-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni tal-40 l-akbar bank transkonfinali fl-Unjoni Ewropea (UE).

It-taqsimiet li ġejjin f'dan is-sommarju eżekuttiv jenfasizzaw xi wħud mill-attivitajiet u kisbiet ewlenin tal-EBA matul din l-aħħar sena, filwaqt li jiffukaw fuq it-temi prinċipali tar-regolamentazzjoni, is-sorveljanza u l-protezzjoni tal-konsumatur. Is-sommarju jistabbilixxi wkoll xi wħud mill-iżviluppi fl-operazzjonijiet tal-EBA nfushom hekk kif din tidher li sejra ssaħħaħ aktar ir-rwol tagħha biex tappoġġja bi sħiħ l-istabbiltà tas-sistema bankarja, tipprovdi kundizzjonijiet ekwi, u tissalvagwardja kemm it-trasparenza tas-swieq kif ukoll il-protezzjoni tad-depożitarji u l-investituri.

## Lejn sistema regolatorja ġdida

Fis-sena tar-rapport, l-EBA kkontribixxiet ulterjorment lejn il-ħolqien ta' sistema finanzjarja aktar b'saħħitha u sigura billi żviluppat abbozz ta' standards u linji gwida regolatorji li sejrin jipprovdu ċarezza għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jeħtieġu konformità mal-qafas regolatorju ta' Basel III.

Bħala total l-EBA pproduċiet:

14 -il dokument ta' konsultazzjoni;

23 abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi;

6 settijiet ta' linji gwida; u

6 opinjonijiet.

F'Lulju 2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat pakkett leġiżlattiv biex issaħħaħ ir-regolamentazzjoni tas-settur bankarju. Il-proposta tieħu post id-direttivi dwar ir-rekwiżiti tal-kapital kurrenti b'direttiva ġdida (magħrufa bħala s-CRD) u regolament (is-CRR) u tikkostitwixxi pass ieħor ewlieni lejn il-ħolqien ta' sistema finanzjarja aktar b'saħħitha u sigura.

Filwaqt li qiegħda tistenna sakemm il-Kummissjoni tadotta b'mod uffiċjali l-istruttura regolatorja l-ġdida, l-EBA kkonċentrat fuq it-tħejjija ta' abbozz ta' linji gwida u standards regolatorji ta' appoġġ. Peress li d-data ta' implimentazzjoni għad-direttiva u r-regolament ġew posposti għall-2013, dawn l-istandards jibqgħu fi stadju ta' abbozz u jistgħu jkunu soġġetti għal emendi skont il-formulazzjoni finali tal-proposti l-ġodda.

Il-"fondi proprji" tal-banek kienu qasam essenzjali li l-EBA kkonċentrat fuqu fl-2012. Ġew organizzati tliet eżerċizzji ta' konsultazzjoni u seduta pubblika matul is-sena, li rriżultaw fil-produzzjoni ta' 16-il standard tekniku li ġew approvati preliminarjament mill-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità.

L-EBA nediet konsultazzjoni dwar abbozz ta' standard tekniku regolatorju (RTS) biex tarmonizza l-prattiki ta' valutazzjoni prudenti biex jiġu żgurati l-konsistenza u t-trasparenza fil-mod li bih l-istituzzjonijiet finanzjarji jikkalkulaw il-pożizzjonijiet ta' "valur ġust". Ġie ppubblikat dokument ta' diskussjoni, filwaqt li fl-2013 il-ħidma sejra tkompli tibqa' għaddejja.

Is-CRD proposta tagħti s-setgħa lill-EBA biex tiżviluppa RTSs fir-rigward tal-livelli ta' salarju u bonusijiet li jitħallsu lill-persunal anzjan tal-banek. Il-livelli ta' rimunerazzjoni għandhom jirriflettu l-kwalità ta' kreditu tal-istituzzjoni individwali u l-livell li għandhom ir-rwoli tal-membri tal-persunal individwali fil-profil ta' riskju tal-istituzzjoni. Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva li sar fl-2012 żvela livell inkwetanti ta' varjazzjoni fl-UE kollha fil-mod li bih l-istituzzjonijiet finanzjarji jsiru jafu liema mill-persunal tagħhom għandu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-kumpanija u dan sejjer ikun rifless fl-abbozz tal-istandard.

Matul is-sena, l-EBA kisbet l-adozzjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' standard tekniku dwar il-kontropartijiet ċentrali, il-korpi li jkunu f'nofs in-negozji fis-swieq tat-titoli. Dan ra lill-organizzazzjoni taħdem mill-viċin mal-imsieħba fl-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ESCB).

F'eżempju ieħor ta' ħidma konġunta, l-EBA u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) wettqu investigazzjonijiet dwar il-mekkaniżmu tal-iffissar tar-rata tal-Euribor. Ir-riżultati ġew ippubblikati fil-bidu ta' Jannar 2013 u wasslu biex jitressqu rakkomandazzjonijiet lill-Euribor — il-Federazzjoni Bankarja Ewropea. L-EBA pproduċiet ukoll rakkomandazzjonijiet għas-superviżuri nazzjonali dwar il-kontroll superviżorju tal-banek li jipparteċipaw fil-panil tal-Euribor u nediet konsultazzjoni dwar il-prinċipji għall-proċessi tal-iffissar tal-valutazzjoni komparattiva fl-UE.

Rwol essenzjali tal-EBA huwa li tiżgura li l-iżvilupp tal-ambjent regolatorju l-ġdid isir b'mod trasparenti biex il-partijiet interessati kollha jkollhom fiduċja fis-sistema. Il-fiduċja tiġi ġġenerata wkoll meta l-informazzjoni sottostanti tinġabar u tiġi vvalutata b'mod armonizzat.

Il-fehim tal-pożizzjonijiet ta' likwidità u ingranaġġ tal-istituzzjonijiet finanzjarji huwa essenzjali għat-tmexxija kontinwa bla xkiel tas-sistema. L-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġu informazzjoni armonizzata dwar l-assi ta' likwidità tal-banek (il-flussi li deħlin u ħerġin) u l-proporzjonijiet ta' ingranaġġ tagħhom. Għal dan il-għan, l-EBA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi dwar iż-żewġ kwistjonijiet matul l-2012 sabiex tgħin fl-iżvilupp ta' abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi (ITS).

Inħarġu konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-mod li bih tinġabar l-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' likwidità u ingranaġġ tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Dawn sejrin jgħinu fil-formulazzjoni tal-abbozz tal-ITS għaż-żewġ oqsma.

## Nevitaw arbitraġġ regolatorju

Il-konsultazzjoni tal-EBA li rċeviet l-aktar tweġibiet fl-2012 kienet dik dwar is-suġġett ta' kif għandhom jiġu eliminati l-lakuni fir-regolamentazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet ta' derivati mhux approvati. Id-dokument ta' diskussjoni rċieva aktar minn 70 tweġiba minn banek, korporazzjonijiet, kumpaniji ta' assigurazzjoni u sorveljaturi.

Flimkien, it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs) qegħdin jippjanaw li jiffinalizzaw l-istandards tekniċi dwar ir-rekwiżiti tal-marġini għad-derivati OTC mhux approvati malli jsiru disponibbli l-prinċipji internazzjonali. Il-produzzjoni ta' standards tekniċi f'dan il-qasam tibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-EBA għall-2013.

## Ħarsien kontra xokkijiet fil-futur

Il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni huma mezz importanti maħsuba biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom fis-seħħ pjanijiet biex ikunu jifilħu għal xokk finanzjarju potenzjali li jista' jhedded l-eżistenza tagħhom. L-EBA għandha rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni effettivi u fit-tnaqqis tal-impatt sistemiku ta' kwalunkwe istituzzjoni li tfalli.

F'Mejju, l-EBA ħarġet dokument ta' diskussjoni (DP) li jippreżenta l-fehmiet preliminari tagħha dwar l-istruttura u l-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta' rkupru, u mudell komuni Ewropej għall-abbozzar tal-pjanijiet ta' rkupru. Dan kien segwit fit-tieni parti tal-2012, mill-ħruġ ta' rakkomandazzjoni mill-EBA li kienet maħsuba biex tiżgura l-konsistenza fl-UE kollha fl-iżvilupp tal-pjanijiet ta' rkupru. Din teħtieġ li 39 bank maġġuri transkonfinali tal-UE jiżviluppaw pjanijiet ta' rkupru bħala grupp u li jkollhom il-pjanijiet diskussi mal-kulleġġi superviżorji sa tmiem l-2013.

F'Diċembru 2012, l-EBA tat opinjoni li ppruvat tindirizza l-inkonsistenzi potenzjali bejn il-qafas Ewropew għar-riżoluzzjoni u l-irkupru u l-inizjattivi l-ġodda li qiegħed iwettaq il-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPSS) u l-Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) u l-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB).

Fl-2012, il-ħidma tal-EBA dwar is-sorveljanza tal-banek kienet tiffoka fuq għadd ta' oqsma ewlenin, li jinkludu: valutazzjonijiet tar-riskju; rappurtar komuni ta' dejta regolatorja; assi peżati għar-riskju (RWAs); ir-restawr tal-karti tal-bilanċ tal-banek; u r-rwol tal-kulleġġi tas-superviżuri fis-sorveljanza tal-gruppi bankarji transkonfinali.

## Eżerċizzju ta' rikapitalizzazzjoni

L-istabbiltà tas-swieq finanzjarji Ewropej tiddependi mill-kapaċità tal-parteċipanti fis-swieq li jagħmlu valutazzjonijiet ċari tal-fattibbiltà u s-saħħa kontinwa tal-banek fl-Unjoni. Ftit wara l-ittestjar tal-istress tal-2011, l-EBA wettqet eżerċizzju ta' rikapitalizzazzjoni li ġġiegħel lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jiżguraw li l-banek ikollhom livell suffiċjenti ta' kapital ta' kwalità għolja biex jifilħu għal deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni ekonomika, wara li waqqfet bafer ieħor kontra r-riskju tad-dejn sovran.

L-EBA identifikat 27 bank li kienu jeħtieġu li jindirizzaw defiċit totali ta' EUR 76 biljun sal-aħħar ta' Ġunju 2012, filwaqt li jinżamm is-self lill-ekonomija reali. Sa tmien Ġunju 2012, il-maġġoranza l-kbira tal-banek involuti fl-eżerċizzju wrew livell ta' kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni 'l fuq mid-9 % meħtieġ. Meta wieħed jgħaqqad flimkien iż-żewġ eżerċizzji, ġie miżjud total ta' EUR 250 biljun mal-karti tal-bilanċ tal-banek bħala riżultat tal-ħidma tal-EBA.



## Inżidu t-trasparenza

Bħala parti mill-isforzi tagħha biex treġġa' lura l-fiduċja fil-karti tal-bilanċ tal-banek, l-EBA wettqet ukoll ħidma fuq r-RWAs, li kellha l-għan li tipprovdi konsistenza fil-mod li bih huma kkalkulati r-RWAs fl-istituzzjonijiet biex jirriflettu l-profil tar-riskju reali tagħhom. Ir-RWAs huma kejl tal-assi tal-bank jew esponimenti barra l-karta tal-bilanċ, ippeżati skont ir-riskju.

L-EBA kienet qiegħda tappoġġja wkoll il-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-assi fil-banek individwali. Wieħed mill-passi importanti nbeda lejn tmiem l-2012 li fittex li jipprovdi definizzjonijiet komuni fir-rigward tal-problemi li wieħed jiltaqa' magħhom fil-ħlas lura tas-self. Bit-tlestija mistennija fil-bidu tal-2013, id-definizzjonijiet ta' "tolleranza" u "nonprestazzjoni" sejrin jipprovdu lis-superviżuri u l-kulleġġi, għodda għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-assi tal-kotba tal-banek fuq bażi komuni, u sejrin jipprovdu kontribut kruċjali għall-ittestjar tal-istress fil-futur. L-EBA ħadmet ukoll mill-viċin mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB) biex tidentifika l-każijiet fejn il-kontijiet jew il-fondi jistgħu jidhru li fihom aktar kapital milli fil-fatt għandhom.

L-EBA ġiet mistoqsija wkoll biex tipproduċi linji giwda dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza u tikkoordina l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-bonds koperti u strumenti oħra li jiġġeneraw ostaklu. Il-ħidma fuq il-mudelli ta' ostaklu waslet kważi fi tmiemha u diġà ngħata bidu għall-ħidma fuq l-iżvilupp tal-mudelli tal-pjan ta' finanzjament.



Fl-2012, l-EBA intensifikat l-isforzi biex ittejjeb il-kwalità u s-saħħa tad-dejta rrappurtata biex ittejjeb is-superviżjoni bankarja. Wara konsultazzjoni pubblika, l-EBA ħadmet biex tiffinalizza l-istandards tekniċi komuni dwar ir-rappurtar superviżorju u dawn sejrin jiġu ppubblikati ladarba jkun disponibbli t-test finali tas-CRR/CRD IV. Il-qafas ta' rappurtar il-ġdid sejjer jipprovdi bażi komuni li permezz tiegħu tista' tiġi skambjata l-informazzjoni relatata mal-kulleġġi.

Matul l-2012, l-EBA ffinalizzat id-"dashboard" tar-riskju tagħha, li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tas-sistema bankarja u juża sistemi b'kodiċi tal-kulur biex tidentifika b'mod faċli s-sorsi ewlenin ta' riskji u xejriet fil-profili tar-riskju tal-banek. Verżjoni speċifika għad-ditta tad-"dashboard" sejra wkoll issir għodda oħra għall-kulleġġi tas-superviżuri.

## Il-kulleġġi superviżorji

Ġew stabbiliti kulleġġi ta' superviżuri biex tissaħħaħ is-superviżjoni transkonfinali tas-settur bankarju, permezz ta' kooperazzjoni akbar bejn il-korpi nazzjonali u kondiviżjoni tal-informazzjoni mtejba. Dawn jikkonsistu f'żewġ superviżuri nazzjonali jew aktar u f'xi każijiet jistgħu jinkludu pajjiżi li ma jagħmlux parti miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

L-EBA għandha l-kompitu li tappoġġja l-funzjonament konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri stabbiliti fiż-ŻEE. Fl-2012, l-EBA wettqet eżerċizzju ta' simulazzjoni, fejn ħadmet mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, biex tgħin lill-EBA tissorvelja lill-kulleġġi b'mod xieraq skont id-daqs u l-kumplessità tagħhom u ppubblikat dokument dwar prattiki tajba għas-superviżuri ta' deċiżjonijiet konġunti.

Qasam ieħor ta' attività fl-2012 kien il-valutazzjoni tal-arranġamenti tal-kulleġġi għall-attivitajiet superviżorji matul sitwazzjonijiet ta' kriżi potenzjali. L-impenn u l-gwida tal-EBA wasslu għal żieda sinifikanti fin-numru ta' oqsfa ta' superviżjoni tal-kriżijiet bħal dawn li ġew żviluppati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

L-EBA ħadmet ukoll b'mod qawwi biex iżżid l-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-kulleġġi fit-triq lejn l-iżvilupp tal-istandard tekniċi vinkolanti (BTS) għal kooperazzjoni bejn l-ospitanti u d-domiċiljanti u l-funzjonament tal-kulleġġi. Bħalissa l-EBA qiegħda tabbozza disa' standards tekniċi relatati mal-kulleġġi superviżorji.

## Nipproteġu l-konsumaturi

Filwaqt li l-EBA għandha l-mandat li żżomm livell għoli ta' superviżjoni regolatorja fis-swieq u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Ewropa, hija għandha wkoll rwol ewlieni fil-protezzjoni tal-konsumaturi individwali. Fl-2012, l-organizzazzjoni eżaminat ir-riskji potenzjali għall-investituri li kienu mħajra jinvestu f'prodotti finanzjarji kumplessi, bħal kuntratti għad-differenza (CFDs), mingħajr ma jkollhom il-livell meħtieġ ta' għarfien finanzjarju sabiex jifhmu bis-sħiħ ir-riskji involuti.

F'Ottubru 2012, l-EBA organizzat l-ewwel Jum tagħha għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, avveniment li fih ir-rappreżentanti tal-industrija bankarja, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-akkademiċi ltaqgħu u ddiskutew kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja fil-livell Ewropew.

Ir-rapport annwali tax-xejriet tal-konsumatur tal-EBA, li ġie ppubblikat f'Marzu 2013, sejjer jgħin fid-definizzjoni tal-programm ta' ħidma tal-awtorità għall-2013. Ir-rapport jidentifika x-xejriet u l-oqsma ta' tħassib il-ġodda li qegħdin jinħolqu għall-konsumaturi Ewropej. Ir-rapport jidentifika l-kwistjonijiet li ġejjin:

- dejn u kreditu responsabbli;
- trasparenza u livelli ta' ħlasijiet;
- ambitu ta' bejgħ ħażin ta' prodotti finanzjarji;
- kwistjonijiet li jqumu minn prodotti speċifiċi bħal self f'munita barranija;
- assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-pagamenti u prodotti kumplessi;
- sigurtà ta' teknoloġiji ġodda użati għal servizzi bankarji; u
- forom ġodda emerġenti ta' żieda fil-likwidità.

## L-attivitajiet operattivi

Bl-appoġġ kontinwu mill-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-EBA ħadmet ħafna biex tiżgura li tkun lesta li tilqa' għall-isfida li tissodisfa l-mandat tagħha fid-dawl tal-inċertezza kontinwa tas-settur finanzjarju. Fit-twettiq tal-operazzjonijiet tagħha, l-EBA hija impenjata b'mod sħiħ biex tiżgura li:

- l-attivitajiet operattivi huma effettivi u effiċjenti;
- jiġu sodisfatti r-rekwiżiti legali u regolatorji;
- ir-rappurtar finanzjarju u ta' ġestjoni oħra jkun affidabbli; u
- jiġu mħarsa l-assi u l-informazzjoni.

## L-analiżi u l-koordinazzjoni tal-politika

Fil-kuntest tal-attivitajiet ta' analiżi u koordinazzjoni tal-politika tal-EBA, din kienet qiegħda tipprovdi l-analiżi legali u l-appoġġ kif ukoll l-gwida dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-impatt applikata fil-preparazzjoni u l-abbozzar leġiżlattiv tal-politika tal-EBA, il-prodotti regolatorji u superviżorji (inkluż l-istandards tekniċi, il-linji gwida, l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet superviżorji, analiżijiet minn pari, eċċ). Dawn li ġejjin kienu fost l-attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-EBA:

- il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ superviżorju offruti lin-NSAs: fl-2012, ġew organizzati 10 attivitajiet ta' taħriġ settorjali mill-EBA, u 13-il seminar transsettorjali, filwaqt li ġew organizzati b'mod konġunt 4 korsijiet ta' kompetenzi trasversali mit-tliet ESAs kollha;
- jiġi appoġġjat il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG): fl-2012, il-BSG organizza 5 laqgħat regolari u 2 laqgħat konġunti mal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA. Ipprovda 8 opinjonijiet u dokument ta' pożizzjoni kif ukoll kontribut billi wieġeb għall-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-EBA;
- tappoġġja l-Bord ta' Reviżjoni tal-EBA: fl-2012, intlaħaq ftehim dwar il-metodoloġija ta' reviżjoni tal-pari tal-EBA. Barra minn hekk, ingħata bidu għar-reviżjoni tal-pari dwar l-aderenza ma' aspetti speċifiċi tal-"Linji Gwida dwar l-ittestjar tal-istress (CEBS GL32)" tal-EBA, u din kienet tinkludi ċ-ċirkolazzjoni ta' kwestjonarju awtovalutazzjoni min-NSAs;
- tappoġġja, flimkien ma' ESAs oħra, il-Bord tal-Appell tal-ESA, maħluq f'Diċembru 2011;
- Tagħti kontribut għar-reviżjoni tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 81 tar-Regolament tal-EBA, b'kooperazzjoni ma' ESAs oħra;
- Tikkoordina l-politika u l-ħidma superviżorja tal-EBA, kemm internament kif ukoll ma' korpi esterni (bħall-BCBS u l-IMF) u l-Istituzzjonijiet tal-UE.

## Il-ġestjoni finanzjarja u l-akkwist

L-EBA implimentat għadd ta' elementi ta' titjib fl-2012 biex tiżgura ġestjoni u kontroll aħjar tar-riżorsi finanzjarji, inkluż proċessi interni ssimplifikati biex iżżid l-effiċjenza. Dan il-qasam ta' titjib kien ikkonfermat minn verifiki interni mwettqa matul is-sena. Bħala total, l-EBA kienet 18 % aktar effiċjenti f'termini ta' kif nefqet il-baġit globali tagħha fl-2012 milli għall-2011, bl-implimentazzjoni tal-baġit kienet 89 %.

Fl-2012, l-EBA nediet 19-il proċedura ta' akkwist biex tiżviluppa, ittejjeb u tappoġġja l-infrastruttura interna tal-organizzazzjoni, bil-valur massimu totali mbassar għall-kuntratti ffirmati fl-2012 li jaqbeż EUR 20 miljun.



## Il-persunal tagħna

Bi ħtieġa dejjem tikber għal tim b'riżorsi biżżejjed, l-EBA impjegat 28 aġent temporanju, 6 aġenti kuntrattwali u 9 esperti nazzjonali ssekondanti fl-2012, u dan wassal biex in-numru tal-persunal jitla' għal 94 sa tmiem is-sena. Kien hemm żieda ta' 64 % fin-numru ta' applikanti meta mqabbel mal-2011, u dan juri l-livell għoli ta' interess mill-pubbliku fil-karigi tal-EBA. Il-persunal tagħna ġej minn 20 pajjiż tal-Unjoni Ewropa — 44 % huma nisa u 56 % huma rġiel.

## It-teknoloġija tal-informazzjoni

Qasam ewlieni partikolari fl-akkwist fl-2012 kien l-infrastruttura tal-Informatika, bħal żieda fil-kapaċità ċentrali tad-dejta ġestita, bi tħejjija għal talbiet akbar fuq l-EBA. Skont strateġija tal-Informatika riveduta, l-EBA pprovdiet ukoll għodda ta' kollaborazzjoni għall-kulleġġi ta' superviżuri biex tissimplifika l-ħidma konġunta bejn l-esperti nazzjonali u dawk tal-EBA. Dan il-programm ta' suċċess wassal biex in-numru ta' utenti jirdoppja fl-2012.

## Il-komunikazzjoni

Minbarra l-attivitajiet tal-istampa u ta' komunikazzjoni tradizzjonali biex il-midja u l-partijiet interessati jiġu pprovduti b'informazzjoni aċċessibbli b'mod faċli, hija mistennija li tiġi mnedija websajt ġdida matul is-sajf 2013. L-EBA organizzat diversi avvenimenti fl-2012 biex tiskambja mal-partijiet interessati u, tiġbor mingħandhom rispons. Dawn jinkludu:

- l-ewwel Jum ta' Protezzjoni tal-Konsumaturi tal-EBA;
- l-ewwel workshop ta' riċerka tal-EBA, li laqa' flimkien ekonomisti minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-aqwa akkademiċi;
- disa' seduti, organizzati bħala parti mill-proċessi ta' konsultazzjoni dwar il-linji gwida u l-istandards tekniċi; u
- workshop dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar superviżorju.

# Punti u figuri ewlenin fl-2012

## JANNAR

L-EBA tippubblika l-programm ta' ħidma tagħha għall-2012

L-EBA toħroġ linji gwida dwar l-estensjonijiet u l-bidliet tal-AMA

## FRAR

L-EBA tippubblika sommarju tal-għanijiet u l-ħidma tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja

Il-Bord tas-Superviżuri tal-EBA jagħmel l-ewwel valutazzjoni aggregata tiegħu tal-pjanijiet ta' kapital tal-banek

L-EBA tippubblika dokument ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni (ITS) dwar ir-rappurtar ta' skoperturi kbar

## MARZU

L-EBA tippubblika dokument ta' diskussjoni dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji (RTS) dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għall-kontropartijiet ċentrali (CCPs)

L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs) jippubblikaw dokument ta' diskussjoni konġunt dwar l-abbozz ta' RTS

## APRIL

L-EBA toħroġ rapport dwar ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' Basel III

L-EBA tniedi konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' RTS tal-fondi proprji (l-ewwel parti)

Il-Kumitat Konġunt tal-ewwel tliet ESAs jippubblika żewġ rapporti dwar l-implimentazzjoni tat-tielet direttiva dwar il-ħasil tal-flus

L-EBA tniedi konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjonijiet ewlenin

## MEJJU

L-EBA tippubblika rapport dwar it-twettiq tar-rakkomandazzjoni tal-EBA relatata mal-ittestjar tal-istress mifrux madwar l-UE għall-2011

Il-Kumitat Konġunt tal-ESAs iniedi konsultazzjoni dwar ir-rispons propost għas-sejħa għal pariri tal-KE dwar ir-reviżjoni fundamentali tad-direttiva dwar il-konglomerati finanzjarji

L-EBA tippubblika dokument ta' diskussjoni dwar mudell għal pjanijiet ta' rkupru

L-EBA tippubblika żewġ settijiet ta' linji gwida dwar il-valur fir-riskju taħt stress (VaR taħt stress) u dwar l-approċċi ta' mudellar ta' inadempjenza inkrementali u t-tnaqqis għar-riskju tal-migrazzjoni (IRC) impjegati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu permezz ta' approċċ b'mudell intern (IMA)

L-EBA tippubblika abbozz ta' mudell ta' punt tad-dejta (DPM) ibbażat fuq l-abbozz tal-ITS dwar ir-rekwiżiti ta' rappurtar superviżorju għall-istituzzjonijiet

## ĠUNJU

L-EBA tniedi tliet konsultazzjonijiet dwar l-abbozz ta' ITS dwar l-iżvelar tal-fondi proprji, ir-rekwiżiti ta' rappurtar superviżorju għall-proporzjon ta' ingranaġġ u għall-kopertura tal-likwidità u l-finanzjament stabbli

L-EBA tniedi żewġ konsultazzjonijiet dwar l-abbozz ta' RTS dwar il-kunċett ta' qligħ fuq il-bejgħ u r-rekwiżiti ta' kapital għas-CCPs

L-EBA tippubblika r-rapport annwali tagħha għall-2011

## LULJU

L-EBA tniedi konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' RTS għar-riskju tal-aġġustament għall-valutazzjoni tal-kreditu dwar id-determinazzjoni ta' tixrid ta' prokura u l-ispeċifikazzjoni ta' numru limitat ta' portafolji iżgħar

L-EBA tippubblika r-rapport annwali tagħha dwar ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet tas-settur bankarju Ewropew

L-EBA tippubblika rapport ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-eżerċizzju ta' kapital

L-EBA tniedi konsultazzjoni dwar abbozz ta' RTS dwar l-ispeċifikazzjoni tal-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju tal-kreditu

L-ESAs jippubblikaw lista ta' konglomerati finanzjarji identifikati

L-EBA tippubblika żewġ settijiet ta' Linji Gwida dwar l-eżerċizzju ta' ġbir tad-dejta fir-rigward tal-persuni li jaqilgħu ħafna flus u dwar l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva għar-rimunerazzjoni

## AWWISSU

Il-Kumitat Konġunt ta' dawn it-tliet ESAs jippubblika Protokoll għall-Kooperazzjoni Superviżorji fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML)

L-EBA torganizza workshop dwar l-implimentazzjoni teknika tar-rekwiżiti l-ġodda ta' rappurtar superviżorju

Il-Kumitat Konġunt tal-ESAs iniedi konsultazzjoni pubblika dwar ir-RTS għall-metodi ta' kakolu għall-konglomerati finanzjarji

## SETTEMBRU

Il-Bord tal-Appell tal-ESAs jaħtar lil William Blair bħala l-President tiegħu u lil Juan Fernández-Armesto bħala l-Viċi President tiegħu

L-EBA tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għas-CCPs

L-EBA tippubblika r-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' Basel III mill-31 ta' Diċembru 2011

## OTTUBRU

L-EBA tippubblika r-rapport finali tagħha dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek Ewropej

L-EBA tippubblika l-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2013

L-EBA tippubblika reviżjoni ta' segwitu dwar it-trasparenza tal-banek fir-rapporti tat-Tielet Parti tal-2011

L-EBA toħroġ rapport dwar il-valutazzjoni tal-proposti tal-SMEs għas-CRD IV/CRR

## NOVEMBRU

L-EBA tikkonsulta dwar standards tekniċi fir-rigward tal-kooperattivi, il-mutwalitajiet, l-istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili

L-EBA tippubblika dokument ta' diskussjoni dwar l-abbozz ta' RTS dwar valutazzjoni prudenti

L-EBA torganizza workshop ta' riċerka dwar "Il-mudelli tan-negozju tal-banek wara l-kriżi: inċentivi, strateġiji, tnaqqis fir-riskji."

L-EBA tippubblika l-linji gwida tagħha dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjonijiet ewlenin

L-EBA tippubblika lista aġġornata tal-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati biex joperaw fl-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt tal-ESAs jippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu għall-flus elettroniċi fl-UE

## DIĊEMBRU

L-EBA tadotta opinjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' Grupp Espert ta' Livell Għoli dwar ir-riforma tal-istruttura fis-settur bankarju tal-UE

L-EBA toħroġ aġġornament dwar il-pożizzjoni attwali tagħha fir-rigward tar-rekwiżiti superviżorji għar-rappurtar tal-proporzjon ta' likwidità u ingranaġġ

L-EBA tadotta opinjoni dwar qafas possibbli għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek




# 2012 f'ċifri

| | |
|---|---|
| Laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri | 9 |
| Laqgħat tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati | 7 |
| Laqgħat tal-gruppi ta' ħidma | 180 |
| Dokumenti ta' konsultazzjoni | 14 |
| Abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi | 23 |
| Linji gwida | 6 |
| Opinjonijiet | 6 |
| Seduti pubbliċi | 9 |

# Ċifri ewlenin għar-regolamentazzjoni

| Tema | Prodotti regolatorji |
|---|---|
| Fondi proprji | Dokument ta' konsultazzjoni dwar 14-il abbozz ta' RTS dwar fondi proprji |
| | Dokument ta' konsultazzjoni dwar abbozz wieħed ta' RTS dwar il-kooperattivi, il-mutwalitajiet, l-istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili |
| | Dokument ta' konsultazzjoni dwar abbozz wieħed ta' ITS dwar l-iżvelar ta' fondi proprji |
| | Opinjoni dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-limiti minimi ta' tranżizzjoni |
| | Opinjoni dwar xi emendi introdotti fis-CRR |
| Riskju ta' kreditu | Dokument ta' konsultazzjoni dwar abbozz wieħed ta' RTS dwar il-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu |
| | Dokument ta' konsultazzjoni dwar abbozz wieħed ta' RTS dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għall-kontropartijiet ċentrali (CCPs) |
| | Opinjoni dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għas-CCPs |
| | Dokument ta' diskussjoni dwar abbozz ta' RTS dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għas-CCPs |
| Riskju tas-suq | Linji gwida dwar l-inadempjenza inkrementali u t-tnaqqis għar-riskju tal-migrazzjoni |
| | Linji gwida dwar il-valur fir-riskju taħt stress |
| | Dokument ta' Konsultazzjoni dwar RTS wieħed dwar il-kunċett ta' profitt fuq il-bejgħ assoċjat mal-introjtu ta' marġini futur f'kuntest ta' titolizzazzjoni |
| | Dokument ta' konsultazzjoni dwar abbozz ta' standards regolatorji dwar valutazzjoni prudenti |
| Riskju operattiv | Linji gwida dwar l-estensjonijiet u l-bidliet tal-AMA |
| Rimunerazzjoni | Linji gwida dwar l-eżerċizzju ta' ġbir tad-dejta fir-rigward tal-persuni li jaqilgħu ħafna flus |
| | Linji gwida dwar l-eżeriċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tar-rimunerazzjoni |
| Rappurtar superviżorju | Dokument ta' konsultazzjoni dwar abbozz wieħed dwar ir-rappurtar ta' esponimenti kbar |
| | Konsultazzjoni dwar abbozz wieħed ta' ITS dwar rekwiżiti ta' rappurtar superviżorju għall-kopertura ta' likwidità u finanzjament stabbli |
| | Konsultazzjoni dwar abbozz wieħed dwar ir-rekwiżiti ta' rappurtar superviżorju għall-proporzjon ta' ingranaġġ |
| | Konsultazzjoni dwar abbozz ta' ITS dwar rekwiżiti ta' rappurtar superviżorju għall-Finrep u s-COREP |
| Irkupru u riżoluzzjoni | Opinjoni dwar qafas possibbli għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek |
| | Dokument ta' diskussjoni dwar mudell għall-pjanijiet ta' rkupru |
| Riformi strutturali | Opinjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Espert ta' Livell Għoli dwar ir-riforma tal-istruttura tas-settur bankarju tal-UE |
| Sistema bankarja "parallela" | Opinjoni dwar il-konsultazzjoni tal-KE dwar is-sistema bankarja parallela |
| Governanza interna | Linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjonijiet ewlenin |

Dokumenti ta' diskussjoni
Opinjonijiet
Linji gwida
Konsultazzjonijiet dwar l-abbozz ta' RTS u ITS

# Ċifri ewlenin għas-sorveljanza

## Eżerċizzju ta' rikapitalizzazzjoni

Defiċit kapitali inizjali u ammont ta' rikapitalizzazzjoni finali




## Kulleġġi tas-superviżuri

Kulleġġi superviżorji taż-ŻEE stabbiliti — distribuzzjoni skont il-pajjiż domiċiljanti



Lista tal-kulleġġi superviżorji "ssorveljati mill-qrib" tal-EBA — distribuzzjoni skont il-pajjiż domiċiljanti




## Ċifri ewlenin għall-finanzjament

### Implimentazzjoni tal-baġit fl-2012

| | Baġit | Impenjat | Impenjat % | Imħallas | Imħallas % |
|---|---|---|---|---|---|
| Titolu I — Relatat mal-persunal | 10 908 000 | 9 159 710 | 84 % | 8 953 661 | 82 % |
| Titolu II — Amministrattiv | 4 272 000 | 3 673 434 | 86 % | 2 029 498 | 48 % |
| Titolu III — Operattiv | 5 567 000 | 5 547 199 | 100 % | 849 375 | 15 % |
| Total (EUR) | 20 747 000 | 18 380 343 | 89 % | 11 832 534 | 57 % |

Implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu



# Ċifri ewlenin għar-riżorsi umani

Tkabbir għall-għadd ta' impjegati



L-Awtorità Bankarja Ewropea

**Sommarju tar-rapport annwali tal-2012 tal-EBA**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 15 pp. — 21 × 29,7cm

ISSN 1977-8767
ISBN 978-92-95086-15-9
doi:10.2853/25889

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea
  (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE
  (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct
  (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11
  (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

DZ-AA-13-001-MT-C

L-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA

Tower 42
25 Old Broad Street
London EC2N 1HQ

Tel. +44 2073821770
Fax +44 2073821771/2
E-mail: info@eba.europa.eu

http://www.eba.europa.eu

ISBN 978-92-95086-15-9

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

doi:10.2853/25889